MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 432/2005

**Iceberg Limited**

**Vs**

**Chef Choice Limited**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-6 ta' Mejju 2005 il-kumpannija attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' sebat elef sitt mija u disa' u sebghin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm7,679.96) bl-imghax mit-28 ta' Mejju 2004, bilanc minn somma akbar rigward appalt ta' tqeghid ta' cold room u servizz iehor fil-fond tal-kumpannija konvenuta.

Il-konvenuta wiegbet[1] li:-

1. L-attrici naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali u tlesti l-inkarigu li kienet inghatat.
2. Il-parti tal-appalt li twettaq mill-attrici sar tardivament.

Il-konvenuta pproponiet rikonvenzjoni wara li ppremettiet li l-attrici ma espletatx l-inkarigu kollu li kien inghata lilha u l-konvenuta kellha tinkariga lill-terzi persuni biex jespletaw l-inkarigu ghaliex l-attrici baqghet inadempjenti. Inoltre ppremettiet li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u wkoll parti kbira tax-xogholijiet kienu tardivi. Il-konvenuta kompliet tghid li minhabba dawn in-nuqqasijiet, sofriet hsara. Spjegat ukoll li skond klawzola 9 tal-kuntratt, kien hemm penali ta' kuljum ta' Lm250 ghal kull gurnata ta' dewmien, u li ma setatx tkun iktar minn 20% tal-valur tal-kuntratt. Ghalhekk talbet:-

1. Dikjarazzjoni li l-attrici ma onoratx l-obbligi skond il-kuntratt tad-29 ta' April 2003.
2. Tiddikjara li l-kumpannija sofriet danni minhabba nuqqasijiet tal-attrici.
3. Tillikwida d-danni li sofriet l-attrici.
4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas id-danni.
5. Tiddikjara li l-attrici lestiet tard l-inkarigu li nghata lilha, u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghall-penali pattwiti fil-klawzola 9 tal-kuntratt.
6. Tillikwida l-penali dovuta mill-attrici lill-konvenuta.
7. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuta is-somma li tigi likwidata.

Ir-rikovenzjoni hi bazata fuq 'il fatt li:-

i. L-attrici ma lestietx l-inkarigu li nghatat fit-terminu miftiehem bil-kuntratt tad-29 ta' April 2003;
ii. L-attrici ma lestietx ix-xoghol kollu pattwit u ghalhekk il-konvenuta kellha tinkariga terzi sabiex ilestu x-xoghol;

[1] Nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 7).

iii. Kien hemm xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-attrici wiegbet li:-

1. Onorat l-obbligi taghha skond il-kuntratt ta' appalt u m'huwiex minnu li kienet in mora fit-tlestija tax-xogholijiet.
2. L-attrici ghamlet ix-xogholijet kollha tal-kuntratt ta' appalt, u x-xoghol li ma sarx kien xoghol extra li l-attrici rrifjutat taghmel minhabba nuqqas ta' qbil rigward rati ta' hlas.

Il-qorti rat l-atti, semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri li saret fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013.

Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li l-kaz jitratta dwar appalt li nghatat il-kumpannija attrici b'kuntratt iffirmat fid-29 ta' April 2003. Fil-kuntratt jinghad:-

*"It is hereby agreed that the Contractor shall supply, install and commission Cold Storage Facilities and Hygienic Wall Cladding at the client's new commercial complex situated on Latmija Road, Zabbar, …….. resulting in a contracted price of Lm121,900.00 (One Hundred and Twenty-One Thousand, Nine Hundred Malta Liri) including Value Added Tax."*.

Skond il-kuntratt, ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien tnax-il gimgha. F'kaz ta' dewmien fit-tlestija tax-xoghol, il-kuntratt jipprovdi:

*"***9.0 Liability for Delay.**

*The contractor shall be liable to pay liquidated damages of Two Hundred and Fifty (Lm250) Malta Liri per calendar day of delay, inclusive of Sundays and Public Holidays with respect to the above agreed works programme, which penalty shall however, be limited to twenty percent (20%) of the contract value."*.

Jidher pero' li sussegwentement kien hemm estensjoni taz-zmien, fis-sens li kellu jitlesta sal-ahhar tat-tnejn u tletin (32) gimgha[2]. Dan hu evidenti minn ittra datata 24 ta' Novembru 2003[3] u mibghuta mill-konvenuta fejn jinghad:-

*"5. If all pending works relating to the assigned works to Iceberg Ltd are not fully completed by 12th December 2003, the contractor shall be liable to pay liquidated damages of ten percent 10% of the contract value."* .

Mill-provi mhu xejn car x'kien ix-xoghol li fit-12 ta' Dicembru 2003 kien ghad irid isir. L-attrici qeghda titlob l-ahhar pagament. Meqjus il-modalita' li l-partijiet ftehemu dwar kif kellu jsir il-hlas lill-attrici[4], il-qorti qeghda tifhem li kieku ma sarx ix-xoghol pattwit, minn Dicembru 2003 il-konvenuta ma kenitx ser thallas tant flus. Fil-fatt minn rendikont tal-attrici, datat 26 ta' April 2005 (fol. 5), jirrizulta li l-pagamenti kienu bdew isiru mill-1 ta' Dicembru 2003. Dakinhar thallset is-somma ta' Lm57,500. Wara komplew isiru hlasijiet matul l-istess xahar, Jannar 2004, Marzu 2004, April 2004 u Mejju 2004. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-pagamenti kienu ta' Lm9,583 kull darba, u dawn kienu koperti bil-kambjali.

Joseph Mizzi, direttur tal-kumpannija konvenuta, xehed li kien ghad hemm xogholijiet li l-attrici ma lestitx. Spjega wkoll li sabiex tlesta x-xoghol l-attrici nkarigat lil terzi u hallsithom €10,086.19 (fol. 63). Hekk ukoll l-inginier Victor Bonello xehed: *"Terzi persuni bi kwalifikazzjoni u esperjenza adegwata fis-sistemi ta' refrigerazzjoni gew ingaggati biex ikomplu x-xogholijiet u issewwu fejn kien jidher li x-xogholijiet ma sarux skond il-livell miftiehem."* (fol. 60). Pero' naqas milli jaghti dettalji dwar ix-xoghol li kien ghad fadal isir u jekk kienx xoghol li jifforma parti mill-kuntratt tad-29 ta' April 2003 jew xoghol addizzjonali. Il-qorti hi xettika li taccetta din il-verzjoni ghax-xoghol li sar minn Philip Pace & Sons Ltd (fol. 81) ghas-somma ta' Lm3,200 (€7,454) li jirreferi ghal *skirting* u *wall panels*, meta tqies:-

---

[2] Fir-rikovenzjoni, il-konvenuta stess ikkonfermat li l-inkarigu kellu jitlesta *"sussegwentement sa mhux aktar tard mill-ahhar tal-gimgha 32."* (fol. 10).

[3] Fol. 107.

[4] Ara klawzola "12.0 Payment Terms" tal-kuntratt (fol. 68).

i. Li ma giex muri ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li dan kien parti mix-xoghol miftiehem fil-kuntratt tad-29 ta' April 2003;
ii. Li f'ittra mibghuta mill-attrici, datata 19 ta' Novembru 2003, jinghad li *"all equipment is now fully installed and completed"* (fol. 53). Ghall-qorti, li m'ghandhiex gharfien tekniku dwar il-materja, m'huwiex car x'ghandu x'jaqsam l-iskirting u l-wall panels mal-kuntratt tad-29 ta' April 2003;
iii. L-inginier Bonello naqas milli jaghti taghrif dwar fhix kien jikkonsisti ix-xoghol li sar mit-terzi. Meta xehed in kontro-ezami kkonferma li l-cold rooms kienu gew installati;

Dwar ix-xoghol li jinghad li sar minn Mario Camilleri[5], wara li rat il-kont datatat 18 ta' April 2004, il-qorti ghandha d-dubji kemm dan jirreferi ghal xoghol li kellha taghmel l-attrici.

Ghal dak li jikkoncerna l-kwalita ta' xoghol issemma nuqqas fil-bracing tal-pajpijiet u li f'wahda mill-cold rooms, fejn hemm it-travi, wara snin kienu skoprew li l-kuntrattur kien naqqas il-hxuna tal-panelling minhabba t-travu.

L-inginier Victor Bonello, li kien involut f'dan il-progett fuq inkarigu tal-konvenuta, spjega li lejn l-ahhar ta' Frar 2004 il-kuntrattur kien beda jaghti l-*hand over* lill-attrici[6]. Spjega:-

*"F'cold room ghandek tlett oqsma. Ghandek wahda il-kamra fejn kien hemm l-insulation, il-bibien, ghandek il-magna fejn taghel ir-refrigeration imbaghad hemm il-pajpijiet bejn il-magna u l-kamra. Mill-pajpjiet ighaddi l-gass u jigu lura liquid, bhall-airconditioner. Minn dak li rajna bhala xoghol tal-kamra ahna ma kellniex rizervi fuqu dak li konna qeghdin naraw fuq ghajnejna. L-istess fir-*

[5] Ara affidavit a fol. 58.
[6] Jirrizulta li fil-25 ta' Frar 2004 l-Inginier Bonello baghat fax (fol. 79) lill-attrici fejn gharrafha li *"In spiter of verbal requests, you persist in not submitting Techincian's Reports for our perusal whenever your techincians are summoned to attend to faults. Moreover, your technicians refuse to communicate with client's technical personnel during or after trouble-shooting interventsinos. This attitude is not acceptable"* (fol. 79).

*rigward tal-pajpijiet. Ma kellna ebda rizerva. Ir-rizerva kienet titratta dwar il-mod kif ser tithaddem il-magna. Kien kontinwament qed taghti l-faults u tieqaf. Sar il-pressure test u ahna rajna id-daqsijiet tal-pipes li ntuzaw, naraw ukoll il-bracing li jkun sar fit-tarf ta' kull pipe li jkun intuza'. F'dan ir-rigward ahna konna kuntenti ghax-xoghol li ghamlet l-Iceberg. Kien ghalhekk li jien ghidt li ma kellniex rizervi. Il-kumpressur imma ma kienx qed jahdem sewwa. Issa jew kien hemm problema ta' settings, seta' kien xi difett fih. Min-naha tieghi ma kienx l-inkarigu li jien nispezzjona u naghti parir ghal x'kien qed iwassal ghal dawn l-ilmenti tal-klijenti tieghi"*[7]. Lejn l-ahhar tad-deposizzjoni kkonferma: *"Ahna konna sodisfatti bix-xoghol"* (fol. 127).

L-attrici qeghda tippretendi s-somma ta' €11,490.88, spejjez li Joseph Mizzi qal li saru sabiex is-sistema nghatat il-gass bejn it-3 ta' Settembru 2007 u t-23 ta' Frar 2012[8]. Il-qorti ma tistax taccetta din il-pretensjoni meqjus:-

i. L-inginier Bonello kkonferma li l-bracing li raw kien sodisfacenti. Ix-xhud spjega: *"Sar il-pressure test u ahna rajna id-daqsijiet tal-pipes li ntuzaw, naraw ukoll il-bracing li jkun sar fit-tarf ta' kull pipe li jkun intuza'. **F'dan ir-rigward ahna konna kuntenti ghax-xoghol li ghamlet l-Iceberg.**"* (enfazi tal-qorti, fol. 124)[9].

ii. Il-hlas li qieghed jintalab jirreferi ghall-servizz li kien inghata ghall-iktar minn tlett snin wara li sar ix-xoghol mill-attrici. Il-qorti tistaqsi, jekk kien hemm htiega li s-sistema tinghata regolarment il-gass ghaliex allegatament il-bracing ma kienx ta' kwalita', kif m'hemmx prova li bejn Frar 2004 sa Gunju 2007 il-konvenuta ma kentix qeghda regolarment tinghata tali servizz ? Jekk ix-xoghol tal-bracing kien tant difettuz mill-bidu, ir-raguni u fuq bazi ta' probabilita' l-konvenuta kienet ser titlob fuq bazi regolari ghal dak is-servizz. Ghalkemm Mario Cassar xehed li: *"Mis-sena 2004 'il hawn, gejt imsejjah diversi drabi minn*

[7] Seduta tal-14 ta' Dicembru 2012 (fol. 124).
[8] Ara d-dokumenti a fol. 82 sa 100.
[9] Ghalkemm Mario Cassar xehed li kien qal lil Joseph Mizzi li fil-fehma tieghu ma kenitx saret sew, din il-verzjoni ma taqbilx ma' dak li xehed l-Inginier Victor Bonello.

*Joseph Mizzi, Direttur Manigerjali tas-socjeta Chef's Choice Limited, sabiex naghmel tiswijiet li ukoll jinvolvi zieda ta' gas fis-sistema ta' refrigeration li isservi aktar minn kamra tal-friza wahda, u li jinsabu fil-proprjeta' tas-socjeta Chef's Choice Limited"* (fol. 57), jibqa' 'l fatt li:-

(a) L-inginier Bonello xehed dwar il-kwalita' tal-bracing u kien sodisfatt (fol. 124). Ikkonferma li kienu kuntenti bil-kwalita' tax-xoghol li ghamlet Iceberg Limited;
(b) Mario Cassar ma ta l-ebda dettalji dwar kemm-il darba mar jaghti servizz;
(c) Il-konvenuta ma ghamlet l-ebda claim ghall-hlasijiet li setghet tat lil Mario Cassar[10]. Fatt li jsahhah il-fehma tal-qorti li f'dak l-istadju ma kienx hemm xi problema akuta kif il-konvenuta pprovat taghti x'tifhem;

Ghal dak li jikkoncerna l-kwalita' tax-xoghol, l-inginier Bonello xehed:-

*"Irrid inzid illi aktar ricenti, gew zviluppati problemi fl-istruttura tal-pannelli izolanti kawza ta' xoghol hazin li kien sar u li minkejja s-surpervizjoni kontinwa taghna ahna dan ma konniex indunajna bih u ghalhekk illum inqissuh bhala difett u nuqqas mohbi min-naha tal-kuntrattur."* (fol. 61).

In kontro-ezami spjega li kien hemm *panelling* ta' wahda mill-cold rooms fejn kien tnehha xi erba' centimetri mill-insulazzjoni, *"[….] imma hadd ma gharrafni li ser inaqqas mill-insulation u l-panelling."* (fol. 125). Kompla jghid: *"Il-panelling kellu jdur mat-travi skond din il-pjanta* (fol. 129)". Jidher pero' li l-kuntrattur kien nehha parti mill-insulazzjoni tal-panel biex is-saqaf tal-cold room gie kollu f'livell wiehed. Ix-xhud spjega li kien skopra li wara dawn il-panels kien akkumula ammont ta' silg; *"Bil-piz is-saqaf iddendel. Spicca li il-panelling espanda u dejjem jimbotta l-isfel. Fejn kien hemm iz-zewg travi, fis-saqaf il-panel il-hxuna taghha u ta' l-insulation kienet giet mittiekla, imnaqqas, biex ghadda u zamm l-istess livell mal-panelling tal-kamra."* (fol. 125). Joseph Farrugia, direttur

[10] Ara affidavit ta' Joseph Mizzi fejn elenka x'danni qeghda tippretendi l-kumpannija konvenuta (fol. 63).

tal-attrici, ma rribattix ghal dan. Mela jidher li parti mix-xoghol li ghamlet l-attrici kien verament difettuz. Hu veru li l-konvenuta xorta ghamlet uzu minnu, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti m'ghandix tqies dan 'il fatt meta tigi biex tiddeciedi dwar it-talba tal-attrici. Joseph Mizzi xehed dwar din il-problema u qal li l-panelling kien inbidel u: *"Dan ix-xoghol kien sar minn kumpannija ohra. Jiena ma nafx l-ammont bhala spejjez li hrigna ghax-xoghol imma nikkalkula li kienu xi Ewro 20,000."* (fol. 118). Ghall-qorti din m'hijiex prova sodisfacenti li sabiex jinbidel il-panelling difettuz, il-konvenuta effettivament ghamlet dawk l-ispejjez kollha[11].

Il-konvenuta qeghda tippretendi wkoll hlas ta' penali fl-ammont ta' €56,790, li huwa 20% tal-valur tal-kuntratt[12], gialadarba x-xoghol ma tlestix fi zmien tnax-il gimgha mid-data tal-kuntratt. Pero' li qeghda tinsa' hu li:-

i. F'ittra datata 24 ta' Novembru 2003 infurmat lill-attrici li kien qieghed jinghata estensjoni ta' zmien sat-12 ta' Dicembru 2003;
ii. Fir-rikonvenzjoni taccetta li z-zmien ghat-tlestija tax-xoghol kien iggedded u x-xoghol kellu jitlesta sal-ahhar tal-gimgha 32 mid-data tal-kuntratt;
iii. Ladarba l-konvenuta volontarjament u bla rizerva tat estensjoni ta' zmien lill-kuntrattur sabiex ilesti x-xoghol, allura ma tistax tippretendi penali ghall-pejodu bejn it-tlettax (13) il-gimgha u t-tnejn u tletin (32) gimgha mid-data tal-kuntratt;
iv. Il-hames talba tar-rikovenzjoni taqra: *"Tiddikjara li s-socjeta attrici kienet tardiva fl-espletazzjoni tal-inkarigu lilha moghti, u ghalhekk ghandha tapplika l-penali giornaliera stabbilita permezz tal-klawzola 9 tal-kuntratt bejn il-partijiet"*. F'kull kaz, mill-ittra tal-konvenuta datata 24 ta' Novembru 2013 jidher li r-rata ta' hlas bhala penali ma baqeghetx dik li tissemma fil-kuntratt tad-29 ta' April 2003.

---

[11] Joseph Mizzi xehed: *"Il-kumplament tal-panelling ghadu tajjeb. Kien biss f'din il-parti fejn hemm it-travi minflok daru mat-travu qabdu u ghamel panel inqas ohxon."* (fol. 118).
[12] Klawzola 9 ta-kuntratt tad-29 ta' April 2003 (fol. 15).

Jinghad ukoll kif il-konvenuta naqset milli taghti taghrif dwar ix-xoghol li fit-12 ta' Dicembru 2003 kien ghad fadal x'isir. Taghrif li fil-fehma tal-qorti hu essenzjali meta tqies li qeghda tippretendi penali fl-ammont ta' 20% tal-valur tal-kuntratt u sabiex il-qorti tiddeciedi jekk il-pretensjoni hijiex gustifikata[13]. Il-qorti qeghda tifhem li l-attrici kienet qeghda thaddem il-*coldrooms* ghalkemm jidher li kienu qeghdin jiltaqghu ma' xi problemi fl-operat tas-sistema. Tant il-*coldrooms* kienu qeghdin jintuzaw li permezz ta' fax datata 25 ta' Frar 2004, l-Inginier John Muscat insista mal-attrici li kellha tibghat rapport ta' technician kull meta jmur xi hadd minhabba ilment tal-attrici[14]. Il-qorti hi konvinta li l-problema kienet minhabba li ta' spiss kienu qeghdin jilmentaw minn *faults* li kienu ta' xkiel ghall-konvenuta. Fil-fatt l-Inginier Bonello xehed: *"Ghalina kien ghadu mhux lest, ghax il-makkinarju ghalkemm installat u beda ihaddmu imma dan kien il-hin kollu bid-difetti, jieqaf il-mutur ghalhekk ahna ridna li fl-ewwel lok ix-xoghol jitlesta billi jaghtina a running cold room."* (fol. 126). Jidher li dan in-nuqqas kien wassal sabiex il-konvenuta twaqqaf ir-relazzjoni li kellha mal-attrici[15].

Il-konkluzjoni tal-qorti hi wahda, cjoe' li l-kumpannija konvenuta hi gustifikata li ssostni li m'ghandix thallas dak li qeghda tippretendi l-attrici, u dana peress li l-qorti hi sodisfatta li:-

i. F'panelling mas-saqaf ta' wahda mill-*cold rooms*, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;
ii. Il-konvenuta naqset li tipprovdi sistema li tiffunzjona b'mod efficjenti u baqghet tkaxkar saqajha sabiex jigi assigurat li dak li nstallat kien jiffunzjona b'mod efficjenti. Dan apparti li l-qorti ma taqbilx li l-attrici liberament ddecidiet li ma tatix informazzjoni essenzjali biex

---

[13] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli** deciza fil-25 ta; Frar 2011.
[14] Fil-fax jinghad: *"You are hereby requested to bring a system of fault logging. This should be in the form of job sheets into which the technician would enter a detailed diagnosis of the fault and corrective action taken on each occasion. The contents of the technician's report should be discussed with the client who will sign the job sheet. A copy of the job sheet should be submitted to the client for record purposes."* (fol. 79).
[15] Ara kopja tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Frar 2004 (fol. 109).

tithaddem is-sistema[16], taghrif li eventwalment inghata mill-kumpannija estera li min ghandha nxtrat is-sistema.

Ghaldaqstant, l-attrici kienet inadempjenti f'obbligazzjonijiet li kellha u m'ghandix jedd tippretendi l-hlas mitlub fic-citazzjoni. Min-naha l-ohra ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija ser tichad it-talba tal-konvenuta ghall-hlas ta' penali[17] u d-danni elenkati minn Joseph Mizzi fl-affidavit tieghu (fol. 63)[18].

Min-naha l-ohra ser tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta meqjus dak li nghad hawn fuq.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talbiet tal-atturi.**
**2. Filwaqt li b'riferenza ghall-ewwel talba tar-rikonvenzjoni tillimita ruhha biex tikkonferma li fit-twettiq tal-kuntratt tad-29 ta' April 2003, min-naha tal-attrici kien hemm in-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija, ghar-ragunijiet li nghataw hawn fuq tichad it-talbiet numru tnejn (2) sa sitta (6) tar-rikonvenzjoni.**

**Spejjez bejn il-partijiet jibqghu bla taxxa gialadarba li t-talbiet li saru minn kull parti biex il-parti l-ohra tigi kkundannata thallas somma flus, gew michuda.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[16] Ara deposizzjoni ta' Joseph Farrugia, direttur tal-attrici (fol. 106).
[17] Il-konvenuta tippretendi penali ta' Lm24,380 bhala penali li jikkonsistu f'20% tal-valur tal-kuntratt.
[18] Bhala danni l-konvenuta tippretendi €21,577 li Joseph Mizzi ddeskrivihom bhala hlas li sar lil terzi biex tlesta x-xoghol u Hlas ghall-gass (fol. 63).